A.L. 384 ta' l-2003

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD
(KAP. 406)

Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw it-Tmien Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bil-paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 19 u ta' l-artikolu 75 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw it-Tmien Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mat-Tmien Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Tmien Skeda qegħda hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ l-"Iskeda".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Diċembru, 2003 u ma għandhomx jibqgħu japplikaw wara l-31 ta' Marzu, 2004.

Iżid paragrafu ġdid ma' l-Iskeda.

2. Minnufih wara l-kliem "Provvista ta' elettriku." għandu jidħol dan il-paragrafu li ġej:

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
Tip ta' provvisti/importazzjonijiet	Rata
"Dgħajjes u bastimenti wżati għall-passatemp jew sport speċifikati fit-Tariffa tad-Dwana fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni taħt is-sub-intestaturi 8903.91.10.00, 8903.91.99.00, 8903.92.10.00 u 8903.92.99.00.	5% tal-valur tax-xabbli kif stabbilit minn dawk l-apprezzaturi hekk kif il-Ministru jista' japprova.".

Jirrevoka l-A.L. 375 ta' l-2003.

3. Ir-Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw it-Tmien Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, ippubblikati b'Avviż Legali 375 ta' l-2003 qegħdin b'dawn ir-regolamenti jiġu revokati.